MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

## ADJUDICATOR DR. PETER BORG COSTANZI

Sitting of the 29 th November, 2005

Talba Number. 845/2005

**Golden Harvest Manufacturing Company Limited (REG C176)**

**Vs**

**Louis Mizzi (K.I. 407566 M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,070.41c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' hobz, pasti w ikel mibjugha lill-konvenut li ghadhom ma thallsux.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk il-kreditu minnhom allegat ghandu jigi ppruvat. Minghajr pregudizzju l-konvenut jecceppixxi tpacija peress li s-socjeta' attrici hija debitrici fil-konfront tieghu f'ammont cert u likwidu verjuri ghal dak minnha reklamat.

Sema' x-xhieda ta' Ronald Zahra u ta' Louis Mizzi.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Michael Psaila ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Roberto Montalto ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kien *salesman distributor* tal-hobz u prodotti ta' l-ikel li kienu jigu mmanifatturati mis-socjeta' attrici. Huwa kien jixtri minghandhom u mbaghad ibiegh lill-hwienet. Huwa kien *self-employed* u mhux impjegat tas-socjeta' attrici u ghalhekk meta jixtri minghand is-socjeta' attrici kien hu li jkun responsabbli ghall-hlas ta' dak li jkun xtara. L-affarijiet li kien jixtri kienu jigu suppliti gewwa *crates* u ghalhekk ma' kull bejgh jigu anki pprovduti xi *crates* u fl-istess hin il-konvenut kien jirritorna l-*crates* li kien ircieva f'konsenji precedenti u ghalhekk fuq bazi regolari, meta jsiru t-transazzjonijiet bejniethom, kien jinzamm *account* ghall-prodotti u *account* separat ghall-*crates* izda fil-fatt, fir-rigward tal-*crates* qatt ma kien isir hlas la biex jittiehdu u lanqas meta jigu rritornati.

Gara illi l-konvenut ma baqax jahdem mas-socjeta' attrici u f'dak il-mument ingibdet linja u s-socjeta' attrici tippretendi illi fir-rigward tal-hobz u prodotti ta' l-ikel kien dovut il-bilanc mitlub f'din il-kawza, izda l-konvenut qieghed isostni li fil-fatt m'ghandux jaghti tali ammont billi kellu kreditu favurih fuq l-*account* tal-*crates* u ghalhekk qed topera t-tpacija.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi meta kien isir bejgh ta' prodotti, s-socjeta' attrici kienet taghmel *input* f'zewg *accounts*. Kienet taghmel *input* relattiv fl-*account* rigwardanti l-hobz, pasti etc u kienet taghmel *input* relattiv fl-*account* tal-*crates*. Dawn iz-zewg *accounts* kienu jinzammu separati u fil-fatt minn ezami partikolari ta' Dok. RZ3 jirrizulta li fil-fatt il-konvenut kien jigi mitlub biex ihallas biss ghall-hobz u ma kienx jintalab hlas ghall-*crates*. Mill-istatement esebit rigward il-*crates account* jirrizulta illi f'Jannar 2003 il-konvenut kellu *credit balance* ta' hames mija u disa' liri Maltin (Lm509) u dan beda tiela' bil-mod il-mod sakemm lahaq is-somma ta' elfejn mitejn u sitta u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,296.50c). Izda s-socjeta' attrici qalet illi tali *account* kien jinzamm biss bhala *accounting trail* tal-*crates* mhux ghax kien hemm xi negozju fuq il-*crates* bejn il-partijiet.

Fil-fatt huwa hawn li proprju li jiddetermina l-kwistjoni bejn il-partijiet.

Jidher car illi fir-rigward tal-*crates*, qatt ma kien hemm xi bejgh jew xi negozju transatt bejn il-partijiet fuqhom. Qatt ma kien mistenni mis-socjeta' attrici li tesigi xi hlas taghhom. Ghalkemm is-socjeta' attrici kienet tbiegh il-prodott, l-uzu tal-*crates* kien dejjem fir-responsabbilta' taghha u qatt m'esigiet hlas taghhom jew tat beneficcju lil min ikun gablu l-*crates* lura. Dan huwa l-mod kif ghogobha tahdem is-socjeta' attrici u ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li ghandu xi kreditu favurih stante li ma sar l-ebda negozju bejnu u bejn is-socjeta' attrici fir-rigward tal-*crates* innifishom.

Fir-rigward tal-kont rigwardanti l-mertu proprju tat-talba attrici, qamet ukoll kwistjoni dwar jekk il-bilanc huwiex dak mitlub jew ghandux ikun hemm tnaqqis tas-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm211.75c). Il-konvenut isostni illi fit-30 t'April, 2004 sar pagament ta' mitejn u hdax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm211.75c) skond kif jidher fl-istatement izda ma gietx prodotta ricevuta partikolari. Is-socjeta' attrici spjegat illi fil-fatt li kien gara kien illi dakinhar il-bniedem li kien jigbor il-flus kien gabar xi flus

minghand Villa Rosa u li bi zball tali hlas gie mputat fil-kont ta' Louis Mizzi minflok fil-kont tal-klijent l-iehor (Villa Rosa).

Huma ndunaw b'dan l-izball mill-ewwel u fil-fatt fl-istess gurnata kien hemm *a counter entry* fl-istatement. Jekk il-konvenut kien jippretendi illi hu kien ghamel xi hlas dakinhar, kien l-obbligu tieghu li jipproduci ricevuta partikolari u mhux joqghod biss fuq l-istatement. Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici hija ragunevoli u probabbli ghandha tigi accettata u konsegwentement dan ifisser illi t-talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,070.41c) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Final Judgement >**

--------------------------------END--------------------------------